***Worksheet* Ċ6.2.1**
Nagħmlu differenza bejn liġi u regolament.

**A: Aqra x'inhuma jgħidu, imbagħad wieġeb.**



*Jisimni Lina. Dan l-aħħar bdejt indoqq il-kitarra ma' grupp minn sħabi. Huma ilhom jipprattikaw flimkien. Jiltaqgħu kull nhar t'Erbgħa bejn is-6:00p.m u s-7:30p.m.*
*Għandi problema għax ma nistax nipperswadi lil missieri biex nieklu wara s-7:30p.m biex nilħaq ir-rehearsal. Irid bilfors li bħas-soltu, nieklu fis-6:30p.m. "Dak regolament tal-familja tagħna!" iħobb jgħidli.*
*U jien ngħidlu, "Ir-regolament għamiltuh inti u l-Mamà, u jekk tridu tistgħu tibdluh!"*

*Jisimni Mario. Xogħli nsuq it-trakkijiet bil-kontejners. Sikwit nitla' nsuq minn Malta, ngħaddi mill-Italja u mmur il-Ġermanja. Għandi problema għax hawn Malta nsuqu fuq ix-xellug tat-triq waqt li fl-Ewropa jsuqu fuq il-lemin. Taf kif ninfixel! Inkisser moħħi u dejjem fil-periklu!*
*Se nikteb lill-Ispeaker tal-Parlament Malti biex nara tistax tinbidel din il-liġi u nibdew insuqu fuq il-lemin, bħat-Taljani, bħall-Ġermaniżi u l-Franċiżi.*



**Agħmel sinjal taħt it-tajba.**

1. Lina qiegħda titkellem dwar (liġi, regolament) filwaqt li Mario qiegħed jitkellem dwar (liġi, regolament).
2. Il-problema ta' Lina trid tissolva (mill-Parlament ta' Malta, mill-ġenituri tagħha) filwaqt li l-problema ta' Mario tista' tissolva biss (mill-Parlament ta' Malta, mill-Kunsill Lokali).

**B: Ikteb LIĠI jew REGOLAMENT ħdejn kull waħda minn dawn**.

| | | **LIĠI / REGOLAMENT** |
|---|---|---|
| 1 | Nibdew l-iskola fit-8:30a.m. | |
| 2 | Fl-iskola rridu nilbsu l-uniformi. | |
| 3 | It-tfal kollha jridu jmorru l-iskola għall-inqas sakemm jagħlqu s-16–il sena. | |
| 4 | Hawn Malta nsuqu fuq ix-xellug tat-triq. | |
| 5 | Ma tistax tagħmel ħsara fil-propjetà ta' ħaddieħor. | |
| 6 | Fil-familja tagħna nieklu kuljum fis-6:15p.m. | |
| 7 | Il-ġenituri jridu li kull nhar ta' Sibt filgħodu kulħadd jgħin fit-tindif. | |
| 8 | Meta l-Iscouts jimmarċjaw fit-triq jilbsu l-uniformi. | |
| 9 | Ma tistax issawwat jew tuża l-vjolenza fuq ħaddieħor. | |
| 10 | Ma tistax tħalli 'l-kelb tiegħek iħammeġ barra. | |

**Ċ: Aħseb, imbagħad wieġeb**.

1. Semmi regolament tal-iskola li tixtieq tibdel.

________________________________________

Għaliex?

________________________________________

________________________________________

2. Semmi regolament fil-familja tiegħek li tixtieq tibdel.

________________________________________

Għaliex?

3. Semmi liġi fil-pajjiż li taqbel magħha mija fil-mija.

Għaliex?

4. Semmi regolament ġdid li tixtieq iddaħħal fl-iskola.

Għaliex?